**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 211/2019**

**Il-Pulizija**

**Spettur (Ian Abdilla)**

**Vs**

**Antonio Vassallo**

Illum 28 ta' Lulju 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Antonio Vassallo detentur tal-karta tal-Identità Maltija bin-numru 314959M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

1. F'April 2006 u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-gżejjer, approprja ruħu, billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra s-somma ta' aktar minn Lm10,000.00 għad-dannu ta' George Busuttil, Raymond Grech, G.R. Developers Ltd, u persuni/kumpaniji oħra, liema somma ġie fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, liema somma ġiet fdata lilu minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, kariga jew servizz tiegħu.

2. U aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi b'mezzi kontra liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti mmaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ ta' aktar minn Lm10,000.00 għad-dannu ta' George Busuttil, Raymond Grech, G.R. Developers Ltd., u persuna/kumpaniji oħra.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-12 ta' Lulju, 2019 li wara li rat l-Artikoli 17, 18, 293, 294,308, 309, 310, 532A u 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel (1) imputazzjoni, sabet lill-imputat Antonio Vassallo ħati tat-tieni (2) imputazzjoni, dik tat-truffa, kif miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu għall-piena ta' erba' (4) snin priġunerija. In oltre skond l-Artikolu 532A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat lill-ħati Antonio Vassallo jħallas is-somma ta' Lm75,000 lil George Busuttil u Raymond Grech.

Rat ir-rikors tal-appellant Antonio Vassallo, ppreżentat fit-23 ta' Lulju, 2019, fejn talab lil din l-Qorti tilqa' dan l-appell billi TIRRIFORMA s-sentenza appellata u dan billi filwaqt illi TIKKONFERMAHA fil-parti fejn astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel akkuża miġjuba fil-konfront tal-appellant, TĦASSARHA U TIRREVOKAHA fil-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant ħati tat-tieni akkuża miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentement TILLIBERAH minn kull ħtija u piena; jew alternattivament TIRRIFORMA s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi aktar ekwa u għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-ewwel aggravju minnu ntentat l-appellant jissolleva n-nullita' tas-sentenza appellata u dan minħabba inosservanza mill-Ewwel Qorti tal-proċedura kif stabbilita fil-liġi meta huwa ġie prekluż milli iressaq il-provi tiegħu in difeża sabiex b'hekk ġew leżi d-drittijiet tiegħu għal smiegħ xieraq. Jisħaq illi d-difiża ma ngħatatx l-opportunita' li tressaq il-provi tagħha, tant illi fis-seduta skedata għal dawn il-provi, l-Ewwel Qorti kellha s-sentenza miktuba u lesta u għaddiet għal pronunzjament ta'l-istess mingħajr lanqas ma iddikjarat il-provi tad-difiża magħluqa. Dan jikkostitwixxi non-osservanza lampanti tal-prinċipju tal-hekk imsejjaħ *equality of arms*.

Illi l-Qorti eżaminat l-*iter* pjuttost twil tal-proċess penali quddiem l-Ewwel Qorti. Minn eżami tal-atti jirrizulta illi nżammu 'il fuq min ħamsin seduta li fil-maġġior parti tagħhom ma sar xejn. Illi l-akkużi ġew moqrija fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2006, bl-Avukat Ġenerali jibgħat in-nota ta' rinviju għal ġudizzju fil-15 ta' Jannar 2007[1] u l-Prosekuzzjoni tagħlaq il-provi tagħha fl-04 ta' Frar 2008[2], wara tmien seduti. Minn hawn il-kawża ġiet differita għal provi tad-difiża, iżda fil-maġġior parti tas-seduti suċċessivi, l-appellant naqas milli jattendi jew għax ma setax jiġi rintraċċat jew inkella għaliex, għalkemm debitament notifikat, għażel li ma jidhirx il-Qorti. Fil-fatt jidher illi l-Ewwel Qorti finalment imponiet kundizzjonijiet fuq l-appellant bħala garanzija għad-dehra tiegħu, u dan għaxar snin wara, fis-seduta tat-28 ta' Marzu 2018. Wara dan l-appellant xortawaħda baqa' ma ressaqx provi għajr li sar il-kontro-eżami tal-*parte civile* George Busuttil, u għalhekk il-kawża ġiet differita għas-sentenza. Fit-23 ta' Novembru 2018, l-appellant imbagħad ressaq talba għas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza sabiex ikun jista' iressaq il-provi tiegħu u l-Ewwel Qorti tatu opportunita' aħħarija biex iressaq dawn il-provi, u l-kawża tħalliet għall-aħħar darba għal provi difiża u trattazzjoni finali għas-seduta tat-12 ta' Lulju 2019, bl-appellant jindika, permezz ta' nota ippreżentata mid-difensur tiegħu fl-04 ta' Lulju 2019, dawk ix-xhieda li xtaq iressaq għal din l-udjenza. Ġara iżda illi fis-seduta tat-12 ta' Lulju 2019, l-imputat informa lil Qorti illi huwa ma kienx ser jibqa' jiġi ippatroċinat minn Dr. Mark

[1] Fol.90
[2] Fol.172

Mifsud Cutajar u li kien ser jassumi l-patroċinju tiegħu Dr. Amadeus Cachia, li kien preżenti fl-awla u li talab lill-Ewwel Qorti tikkonċedielu aktar żmien biex jieħu konjizzjoni tal-atti. L-Ewwel Qorti, iżda fid-dawl tad-differimenti kollha konċessi lill-appellant sabiex iressaq il-provi tiegħu, ċaħdet din it-talba u għaddiet għal pronunzjament tas-sentenza. Qalet hekk l-Ewwel Qorti fil-verbal tat-12 ta' Lulju 2019:

> *"Il-Qorti rat l-atti kollha u partikolarment il-verbali preċedenti, tirrileva li l-artikoli ingħataw permezz tar-rinviju tal-15 ta' Jannar 2007. Skond il-verbal tal-4 ta' Frar 2008, il-Prosekuzzjoni kienet iddikjarat li ma kellhiex aktar provi xi tressaq. Kif jidher mill-verbal tad-9 ta' Settembru 2013 ara folio 210, il-Qorti reġgħet qrat l-artikoli għal kull buon fini u dan sabiex l-imputat ikun jista' jipproċedi għall-provi tiegħu, anke jekk teknikament l-imputat kellu jibda bil-provi tiegħu proprju fis-seduta tal-14 ta' April 2008.*
>
> *Din il-Qorti tagħmilha ċara li hi mhijiex se taqa' fin-nassa li iridha taqa' fiha l-imputat. Kif jidher mill-atti, b'mod inekwivoku, l-imputat għamel minn kollox u għadu jagħmel minn kollox proprju sal-udjenza tal-lum sabiex din il-kawża ma tiġix fit-temm tagħha."*

Spjanati dawn ir-riżultanzi proċesswali huwa bil-wisq evidenti illi, kif tajjeb qalet l-Ewwel Qorti, l-appellant għamel minn kollox sabiex jostruwixxi l-kors tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Ma jistax jingħad illi l-perijodu ta' ħdax-il sena sabiex huwa ikun jista' iressaq id-difiża tiegħu, u dan meta l-prosekuzzjoni ressqet il-provi tagħha f'sentejn, ma kienx żmien biżżejjed sabiex jipprova jilqa' għall-akkużi lilu addebitati. Illi l-appellant ċertament ma għandux jiġi ippremjati għat-tkarkir tas-saqajn għal għaxar snin sħaħ sabiex huwa jippreżenta d-difiża tiegħu għaliex altrimenti tkun qed issir inġustizzja mas-soċjetà u mal-vittmi tar-reat. Illi anke issa fi stadju ta' reviżjoni l-appellant għamel minn kollox biex jostakola l-kors tal-ġustizzja għaliex għalkemm dan l-appell ġie istigat minnu stess, kif kellu kull dritt illi jagħmel, naqas serjament għal snin sħaħ milli juri interess sabiex isewgi l-proċeduri minnu inizjati bil-Qorti u l-pulizija eżekuttiva tieħu l-iżbriga biex tipprova tirrintraċċah sakemm fl-aħħar seta' jiġi innotifikat bl-avviż tas-smiegħ.

Illi gie deċiż:

> **13.1 Il-principju tal-equality of arms ma jfissirx li parti tista', l-ewwel tinjora r-regoli ta' procedura, u mbaghad tistieden lill-Qorti li, minkejja dan tmur kontra dawn l-istess regoli. Dan il-principju jfisser li kull parti ghandha tinghata opportunita` indaqs li tressaq il-kawza taghha; izda dan**

**ma jfissirx li parti tista' tagixxi in oltragg ghar-regola tal-procedura u xorta tippretendi l-indulgenza tal-Qorti biex tressaq il-provi taghha fil-kumdita` taghha. Id-dritt tas-smigh xieraq hu koncess fit-termini tar-regoli tal-ligijiet tal-procedura, u jekk dawn jigu njorati mill-parti, ghal xi nuqqas, imputet sibi. Mhijiex skuza li parti ma uzufruwietx mill-opportunitajiet moghtija lilha ghax l-Avukat taghha kien impenjat f'xoghol iehor [vide PA [SK] Anthony Mintoff v. Avukat Generali, deciza 7 Lulju 2004, u kazistika hemm citata]2 ;**

**13.2** *"The Court reiterates that the principle of equality of arms – which is one of the elements of the broader concept of fair trial – requires each party to be given a reasonable opportunity to present his or her case under conditions that do not place him or her at a substantial disadvantage vis-à-vis his or her opponent." (see, among other authorities, GB v. France, no.44069/98, ECHR 2001-X) [ECHR C.B v Austria, deciza 4 April 2013, Appl.30465/06 – para.37].*

**13.4** *"59. Bearing in mind that it is incumbent on the interested party to display special diligence in the defence of his interests, and that in the present case the applicant did not follow his case conscientiously or maintain contact with his nominated representatives, the Court concludes that the applicant has at his disposal a potentially effective legal representation which he failed to make use of." [Muscat v. Malta, supra].*[3]

Għaldaqstant huwa bil-wisq evidenti illi l-appellant ma sofra ebda vjolazzjoni tal-jedd tiegħu għal smiegħ xieraq u jekk huwa jidhirlu li ma ressaqx difiża adegwata, għal dan in-nuqqas ma kien jaħti ħadd iktar ħlief hu innifsu, u ma jistax issa iqiegħed fuq l-ispalla tal-Qorti dan in-nuqqas. L-Ewwel Qorti għamlet sew meta finalment iddeċidiet trażżan dan l-abbuż u għaddiet għas-sentenza u l-Qorti ma tista' tirriavviża ebda nuqqas proċedurali kif jikkontendi l-appellant.

Għal dawn il-motivi dan l-ewwel aggravju qed jiġi miċħud.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti ser tgħaddi biex tiddetermina t-tielet aggravju imqanqal mill-appellant, billi dan jolqot direttament il-mertu tal-każ, meta huwa jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi li kellha quddiemha fejn ma kinux jirriżultaw l-estremi tal-elementi meħtieġa sabiex jissussisti r-reat tal-frodi. Fil-fehma tiegħu in-negozjati li

[3] Anthony Bezzina vs Avukat Ġenerali deċiża QK 31/01/2014.

saru bejnu u bejn il-parti offiża kienu jikkostitwixxu atti ordinarji fil-kors tal-kummerċ bejn negozjanti, liema negozjati sfortunatament ma taw ebda frott.

Illi jiġi ribadit, kif dejjem affermat fid-dottrina u l-ġurisprudenza in materja illi din il-Qorti ta' reviżjoni ma tiddisturbax leġġerment l-interpretazzjoni tal-provi li tkun saret minn min ikun iġġudika l-fatti:

> **Hawn naturalment qeghdin fil-kamp ta' l-apprezzament tal-provi. Issa, din il-Qorti hi Qorti ta' reviżjoni u, in eżekuzzjoni ta' din il-funzjoni tagħha, hi eżaminat dettaljatament l-atti proċesswali, id-dokumenti esibiti u l-indirizz ta' l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri, u dan biex tara jekk a bażi tal-provi li kien hemm f'dawn il-proċeduri, il-ġurati, ben indirizzati mill-Imħallef, setgħux leġittimament u raġonevolment jaslu għall-konklużjoni li fil-fatt waslu għaliha dwar il-ħtija ta' l-appellant ta' l-akkuża miġjuba kontra tiegħu fl-Att t'Akkuża skond il-verdett minnhom mogħti. Anke jekk mill-apprezzament tal-provi li tagħmel din il-Qorti hi tasal għal xi konklużjoni diversa minn dik milħuqa mill-ġurati, hi ma tiddisturbax dik id-diskrezzjoni eżerċitata mill-ġurati fl-apprezzament tal-provi u tirrimpjazzaha b'tagħha kemm-il darba jkun evidenti għaliha li l-ġurati ma kinux għamlu apprezzament manifestament ħażin tal-provi, u setgħu, għalhekk, leġittimament u raġonevolment jaslu għall-konklużjoni li jkunu waslu għaliha in bażi tal-provi li kellhom quddiemhom. Effettivament, kif dejjem ingħad, din il-Qorti ma tinvadix it-territorju li l-liġi tirriżerva għall-ġurati ħlief meta l-verdett minnhom milħuq ikun manifestament żbaljat fis-sens li ebda ġurija ma setgħet leġittimament u raġonevolment tasal għalih. Jiġifieri jrid ikun in kontradizzjoni manifesta għal dak kollu li jirrizulta mill-proċess b'mod illi ma hemmx mod ieħor ħlief li l-verdett milħuq jiġi eskluż bħala infondat.**[4]

Illi fil-funzjoni tagħha reviżorja, l-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti tal-kawża u dan sabiex jiġi kondott dan l-eżerċizzju minn fejn jemerġu il-fattispeċji segwenti;

1. Illi l-parti offiża George Busuttil u Raymond Grech jiltaqgħu għall-ewwel darba mal-appellant meta jidħlu f'negozjati għax-xiri ta' proprjetà immobbli ġewwa

[4] Repubblika ta' Malta vs. John Camilleri deċiża mill-Qorti tal-Appell Superjuri fl-24 ta' April 2008. Ara, ukoll fost ohrajn, Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004; Ir-Repubblika ta' Malta vs. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs. Godfrey Lopez; u Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta vs. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000; Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989.

il-Ħamrun li huwa kien qed joffri għal bejgħ. Ġara iżda li dawn in-negozjati waqfu ħesrem billi kien hemm xi problemi marbuta mal-ħruġ tal-permessi tal-bini u għalhekk Busuttil u Grech tilfu l-interess f'dan in-negozju ta' kompro-vendita.

2. L-appellant iżda iħajjarhom għax-xiri ta' proprjetà oħra ġewwa tas-Sliema fejn kien bi sħab ma' ċertu George Portelli. Sar il-konvenju bil-kundizzjoni illi jinfeda ċ-ċens gravanti din il-proprjetà u l-parti offiża għaddiet is-somma ta' Lm25000 lill-appellant u lil Portelli. Ġara iżda li dan ma setax isir u kwindi il-parti offiża ħarġu minn dan il-konvenju b'Portelli jirrifondi sehmu mid-depożitu mgħoddi lilu minn Busuttil u Grech, iżda l-appellant baqa' ma ħallasx lura sehmu
3. F'dan iż-żmien Busuttil ibiegħ dgħajsa lill-appellant għal prezz ta' Lm60,000 u għalkemm ma jsirx il-ħlas tagħha minnufih, din għaddiet fil-pussess tal-appellant li beda jużaha. Il-ħlas eventwalment madanakollu isir.
4. L-appellant iħajjar lil parti leża jifformaw soċjetà kummerċjali bejniethom u dan bil-għan li jsir negozju fil-proprjetà. Din is-soċjetà titwaqqaf bl-isem ta' GAR Developments Limited.
5. L-appellant iħajjar lil Busuttil u lil Grech jidħlu għax-xiri ta' biċċa art ġewwa Bengħajsa. Isir konvenju għand l-Avukat Victor Bugeja. Vassallo ma jlaqqax lil parti offiża mas-sidien iżda ma' wieħed ċertu Vince Bartolo li wara xi żmien jirrealizzaw lil dan kien ħabib tal-appellant. L-appellant igħid lil Bartolo sabiex jidħol f'konvenju fuq din il-proprjetà mas-sidien, liema konvenju jiġi imbagħad trasferit minn fuq isem Bartolo għal fuq is-soċjetà GAR Developments. Il-prezz għax-xiri tal-art kien ta' Lm160,000 u Busuttil u Grech joħorġu sehemhom ta' Lm30,000 bhala depożitu. Jirrizulta mix-xiehda ta' Bartolo mogħtija quddiem l-Ewwel Qorti li dawn il-flejjes, li jiġu mgħoddija lilu minn Busuttil u Grech, igħaddiehom għal xi raġuni inspjegabbli lill-appellant. Minn riċerki li saru mill-avukat Bugeja joħroġ illi din l-art kienet soġġetta għal esproprjazzjoni mill-Gvern. Il-parti offiża għalhekk ma xtaqitx tkompli b'dawn in-negozjati u talbet il-flus lura lil Bartolo. Fil-fatt jintervjena l-appellant u l-parti offiża taċċetta,

minflok pagament lura fi flus, materjal għal kostruzzjoni mis-soċjetà ta' ċertu Joe Zahra fil-forma ta' *vouchers*.

6. Fl-istess żmien l-appellant iħajjar lil Busuttil u lil Grech għal proprjetà oħra ġewwa Birżebbuġa. L-appellant jieħu lil dawn it-tnejn minn nies jaraw din l-art u jitħejja *survey* minn perit li jinkarigah hu stess. Din l-art kienet tiswa Lm800,000. Qatt ma jinfurmhom min hu is-sid tal-art. Għax-xiri ta' din l-art l-parti offiża jgħaddu lill-appellant s-somma ta' LM75,000 bħala depożitu, liema pagament isir permezz ta' żewġ *bank drafts* wieħed ta' Lm50,000 maħruġ mill-Bank of Valletta u l-ieħor ta' Lm25,000 maħruġ mill-bank HSBC. Dawn joħorġu f'isem l-appellant, iżda hu jinfurmhom li kellu xi problemi mal-Bank of Valletta u jitlobhom idawwru dan id-*draft* ta' Lm50,000 fuq isem uliedu, Johann u Angelique Vassallo li minn xiehda ta' uffiċjali tal-bank jidher illi dawn ġew imsarrfa minnhom. Dak tal-Lm25,000 jiġi iġġirat mill-appellant favur l-parti leza George Busuttil bħala parti mill-ħlas għad-dgħajsa li kienet ġiet mibjugħa lilu. Il-parti leża iżda jirrealizzaw illi dan in-negozju lanqas ma kien ser jirnexxi għaliex l-appellant beda jivvintalhom diversi skużi 'il għala il-bejgħ ma setax jiġi iffinalizzat u għalhekk jindunaw li kien qed jidħaq bihom. F'dan il-punt jinfurmaw lill-appellant li ma xtaqux ikomplu jinnegozjaw miegħu u talbuh il-flus lura, liema flus iżda baqgħu ma tħallsux minnu. Illi għalkemm il-parti offiża ipproċediet ġudizzjarjament kontra l-appellant quddiem il-qrati ċivili għal dan il-ħlas, liema kawżi għaddew in ġudikat madanakollu xortawaħda il-ħlas għadu sal-lum ma sarx.

Kif ingħad, l-appellant jisħaq illi l-elementi tar-reat ta' frodi ma joħorġux mill-fattispeċje tal-każ billi jirrizulta illi dak li sar bejnu u l-parti offiża kien jikkonsisti f'diversi negozji dwar xiri ta' proprjetà li sfortunatament ma irnexxew mhux għal tortijiet imputabbli lilu. Jisħaq illi in-negozjati saru bl-għajnuna ta' nies professjonisti bħal nutara u periti li allura offrew is-salvagwardji kollha lil Busuttil u Grech minn xi aġir frawdolenti.

Illi l-elementi tar-reat tal-frodi ġew diversi drabi stabbiliti bħala s-segwenti:

**"Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qieghed jikkometti ir-reat u il-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir-reat u cioe' l'uzu ta' ingann jew raggieri li iwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li ikun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti. F'dan il-kaz il-Qorti sabet li l-elementi kollha kienu presenti.[5]**

Spjanati l-fattispeċje tal-każ u imqabbla ma' dawn l-elementi meħtieġa sabiex jirrizulta r-reat tal-frodi kif imfassal fl-artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali, din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha tqies illi ma hemm ebda motiv li jista' iġiegħlha titbiegħed mill-fehma milħuqa mill-Ewwel Qorti. Huwa evidenti li Vassallo mal-ewwel għaraf li f' George Busuttil u Raymond Grech sab is-suġġetti idejali sabiex huwa ikun jista' iħajjarhom jidħlu f'diversi negozji miegħu fuq xiri ta' proprjetà, li kollha irriżultaw li ma setgħux isiru b'suċċess. Iħajjarhom, wara li jsir ħbieb magħhom, biex jidħlu bi sħab miegħu f'dawn in-negozji u saħanistra iwaqqfu kumpanija bejniethom. Imbagħad iressaqhom għax-xiri ta' biċċiet art li jirrizulta li l-bejgħ tagħhom ma kienx possibbli. Fil-fatt la kien ilaqqagħhom mas-sidien u lanqas jindikalhom bil-preċiż fejn hi din l-art. Meta jaslu biex igħaddulu l-flus, imbagħad jibda jivvinta diversi skużi meta mitlub jikkonkludi il-bejgħ mill-parti offiża. Dawn huma kollha r-raġġiri li issemmi il-liġi adoperati mill-frodist sabiex iġiegħel lil vittma tiegħu jerħi l-flus minn idejh u igħaddiehom lilu bit-tama li dawn jistgħu jagħtuh xi frott, frott iżda li jieħu biss il-awtur tar-reat meta jagħmel qliegħ minn fuq dahar il-vittma tiegħu. Li kieku l-parti offiża ma inkarigatx nies professjonali biex igħinuhom u dan meta fl-aħħar bdew jissuspettaw li l-appellant kien qed jidħaq bihom, żgur li kienu jibqgħu jiġu sfruttati minnu u dan billi igiegħlhom b'ingann igħaddulu diversi flejjes għal negozji li qatt ma setgħu jirnexxu. L-appellant minn naħa tiegħu, mogħti l-opportunita' biex iressaq il-provi għal għaxar snin sħaħ sabiex jipprova ixejjen dawn l-allegazzjonijiet, jibqa' ma iressaqx l-iċken prova li tindika għall-inqas fuq il-bażi tal-probabbli illi huwa kien qed

[5] Pulizija vs Maiga Abdoul Moumine Abdoulaye, deċiża mill-Qorti tal-Appell sede Inferjuri kif ippreseduta nhar l-14 ta' Diċembru 2017

jaġixxi *in buona fede*. Kwindi l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment u legalment issib ħtija għar-reat ta' frodi lilu addebitata. Dan l-aggravju ukoll qed jiġi miċħud.

Ikkunsidrat:

Illi fir-raba aggravju minnu ntentat l-appellant jisħaq illi għandu jiġi illiberat mill-ewwel imputazzjoni li tikkontempla ir-reat tal-approprjazzjoni indebita. Illi fid-deċiżjoni tagħha l-Ewwel Qorti qieset illi din l-imputazzjoni ingħatat bħala waħda alternattiva għal dik tal-frodi u astjeniet milli tieħu konjizzjoni tagħha, biex b'hekk ma ġie mogħti ebda ġudizzju dwar l-istess. Dan ifisser allura illi l-appellant huwa prekluż milli iqanqal aggravju dwar jekk din l-imputazzjoni tirriżultax ippruvata fil-mertu u dan għaliex din il-Qorti, issa fi stadju ta' reviżjoni, għandha idejha marbuta u ma tistax tgħaddi biex tagħmel dak li qed jitlob minnha l-appellant u ċioe' illi tilliberah minn imputazzjoni li huwa ma ġiex misjub ħati dwarha.

> **"...l-Qrati tagħna kellhom diversi okkażjonijiet jitrattaw dwar il-punt, u s-sentenzi in rigward jindikaw illi fil-każ ta' imputazzjoni jew akkuża alternattiv l-Qorti għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni tagħha meta tkun sabet ħtija fl-imputazzjoni jew akkuża primarja. Hekk per eżemplari f'każ ta' imputazzjoni ta' serq u fl-istess waqt imputazzjoni ta' riċettazzjoni tal-istess oġġett, meta tinstab ħtija ta' serq tal-oġġett, l-Qorti għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-imputazzjoni ta' riċettazzjoni la darba huwa ovvju li dik l-imputazzjoni hija waħda alternattiva.[6] "**

Illi għalhekk anke dan l-aggravju qed jiġi miċħud.

Illi finalment l-appellant b'mod sussidjarju jilmenta illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija waħda eċċessiva u lanqas tqies l-aspett reformattiv tal-ħati iżda timmira biss lejn ir-retribuzzjoni. Marbut ma' dan l-aggravju imbagħad, l-appellant, fit-tieni aggravju minnu ntentat jisħaq illi l-Ewwel Qorti kienet prekluża milli tapplika id-dettami ta'l-artikolu 532A tal-Kodiċi Kriminali billi dan ma jsibx applikazzjoni meta ikun hemm sentenza ta' priġunerija. Inoltre jisħaq illi *semmai* l-flus meħuda indebitament għaddew f'idejn l-appellant minn għand is-soċjetà GR Developers Limited u mhux minn għand George Busuttil u Raymond Grech u kwindi il-kundanna

[6] Pulizija vs Raymond Debono deċiża nhar it-28 ta' Novembru 2016 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) ippreseduta mill-Imħallef Giovanni Grixti

għal ħlas ma setatx issir favur tagħhom, oltre għal fatt illi l-ammont likwidat huwa ikkontestat.

Illi l-appellant ġie ikkundannat mill-Ewwel Qorti għal piena ta' erba' snin priġunerija. B'applikazzjoni ta'l-artikolu 532A tal-Kodiċi Kriminali ġie ordnat iħallas lil George Busuttil u Raymond Grech is-somma ta' Lm75000. Illi il-piena ikkontemplata għar-reat ta' frodi kif imfassal fl-artikolu 308 u l-artikolu 310 hija dik indikata fis-sub-inċiż (1)(a) għal-artikolu 310, kif kien applikabbli fiż-żmien tal-kummissjoni tar-reat u ċioe' dik tal-priġunerija minn tlettax-il xahar sa seba' snin, billi il-pieni żdiedu imbagħad permezz ta'l-Att XXIV tal-2014. Dan ifisser illi il-piena erogata mill-Ewwel Qorti taqa' sewwasew fil-parametri tal-liġi għalkemm mhijiex qrib il-minimu tagħha. Illi meta ġiet biex tikkalibra l-piena jidher illi l-Ewwel Qorti ħadet in konsiderazzjoni il-fedina penali tal-imputat li ġie misjub ħati mill-qrati tagħna ta' diversi reati liema kundanni imorru lura għas-sena 1974 fejn kien hemm anke kundanni għal reati identiċi għal dawk tal-presenti istanza. Illi lanqas it-trapass taż-żmien ma jista' jimmilita favur l-appellant ġaladarba hu kien jaħti unikament għal dan id-dewmien, kif diġà ingħad. Mhux biss, iżda għalkemm għaddew diversi snin, l-appellant xortawaħda ma indenjax ruħu jikkompensa lill-vittmi, għall-inqas sa dak l-ammont li ma kienx qed jikkontesta, għat-telf minnhom subit biex b'hekk lanqas hemm dan il-fattur li jista' jimmilita favur tiegħu. Il-Qorti għalhekk jidhrilha illi ma hemm ebda motiv li jista' iwassalha tiskossa d-diskrezzjoni ezerċitata mill-Ewwel Qorti fil-kalibrazzjoni tal-piena.

Illi finalment fir-rigward tal-applikazzjoni tal-artikolu 532A tal-Kodiċi Kriminali fil-konfront tal-appellant, jidher illi din id-dispożizzjoni tal-liġi ġiet introdotta permezz ta'l-Att XVI tal-2006 u daħlet fis-seħħ, permezz ta'l-Avviż Legali 231 tal-2006, fit-03 ta' Ottubru 2006. Illi l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant u li dwarhom instabet ħtija jirreferu għad-data ta' April 2006 u x-xhur ta' qabel din id-data, sabiex b'hekk, allura, fiż-żmien tal-kummissjoni tar-reat din id-dispożizzjoni tal-liġi kienet għadha ma ġietx introdotta. Il-Qorti, għalhekk, hija tal-fehma illi m'għandhiex tiġi applikata fil-konfront tal-appellant. Fi kwalunkwe każ, illum il-parti offiża kisbet

kanonizzazzjoni tal-kreditu lilhom dovut minn għand l-appellant fil-*fora* ċivili[7] u kwindi kundanna ulterjuri minn din il-Qorti tkun superfluwa.

Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell parzjalment, tgħaddi għalhekk biex tirriforma is-sentenza appellata, tikkonfermaha fejn l-appellant ġie misjub ħati tat-tieni imputazzjoni u fejn l-Ewwel Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel imputazzjoni, tikkonfermaha ukoll fejn ikkundannat lill-appellant għal perijodu ta' erba' snin priġunerija, iżda tirrevokaha fejn ikkundannat lill-appellant fit-termini tal-artikolu 532A tal-Kodiċi Kriminali sabiex iħallas is-somma ta' Lm75000 lil George Busuttil u Raymond Grech billi din id-dispożizzjoni tal-liġi ma kenitx viġenti fiż-żmien tal-kummissjoni tar-reat.

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur

[7] Deciza Appell Civili 6 ta' Ottubru, 2020. Rikors numru 344/04 SM George Busuttil u Raymond Grech v. Anthony Vassallo u b'digriet tas-17 ta' Jannar 2005 ġiet kjamata fil-kawża mart il-konvenut, cioé Maria Dolores Vassallo